# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 7 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 10.**
**Citazz. Nru. 1576/00 JRM**

**MAKAW LIMITED**

**vs**

**Joseph PACE.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi permezz ta' skrittura ffirmata bejn il-partijiet, il-konvenut kien ikariga lill-attur nomine sabiex jesegwixxi xogholijiet fil-proprieta tieghu f'tas-Sliema taht il-kondizzjonijiet u pattijiet, inkluzi r-rati ta' hlas, kontenuti fl-istess skrittura li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa bhala dokument A;

Illi x-xogholijiet in kwistjoni gew debitament esegwiti skond is-sengha u l-arti mill-attur nomine;

Illi l-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' sittax-il elf, mitejn u sitta u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM16256.21) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz tax-xoghol esegwit mill-attur nomine, kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud (VAT);

Illi ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas din is-somma ta' LM16256.21 il-konvenut baqa inadempjenti minghajr raguni valida skond il-ligi;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandiex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine is-somma ta' sittax-il elf, mitejn u sitta u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM16256.21) jew somma ohra verjuri hekk determinat minn din il-Qorti u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2000 (debitament notifikata fit-22 ta' Marzu 2000) kontra l-konvenut li jibqa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-digriet taghha tallum stess li permezz tieghu ddikjarat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut fid-data murija fir-riferta li minnha jirrizulta li rrifjuta l-att, liema konvenut naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Camilleri ghas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza inkluzi d-dokumenti esebiti;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine is- somma ta' sittax-il elf, mitejn u sitta u hamsin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM16256.21) bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu 2000 (debitament notifikata fit-22 ta' Marzu 2000) u bl-imghaxijiet dekorribili mit-22 ta' Marzu, 2000 sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**7 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**7 ta' Novembru, 2000.**